MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1137/2004

**Business Process Consulting Limited**

**Vs**

**Iceberg Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150) rapprezentanti kumpens ghal servizzi rezi fuq talba ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta' konvenuta kienet avzat lis-socjeta' attrici li hija kienet itterminat l-arrangament maghha rigward is-servizzi ta' konsulenza u inoltre t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda ghaliex is-servizz mhux veru gie pprovdut mis-socjeta' attrici.
Sema' x-xhieda ta' Donald Schembri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2004, li kienet iffissata espressament sabiex is-socjeta’ konvenuta tressaq il-provi taghha, liema socjeta’ konvenuta ma dehritx u li l-kawza giet imhollija ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza in difett d’ostakolu.

Ra li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentat l-ebda Rikors biex titlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni ta’ l-istess sentenza u ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jipprocedi bis-sentenza kif ser jinghad.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi kien hemm ftehim bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ attrici li s-socjeta’ attrici tipprovdi servizzi professjonali bl-intiza illi tipprova taghti pariri lis-socjeta’ konvenuta fuq livell finanzjarju billi s-socjeta’ konvenuta kienet qieghda tghaddi minn fazi finanzjarju hazin. Il-ftehim kien illi s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar plus VAT. Il-ftehim kien illi s-socjeta’ konvenuta thallas kull tlett xhur mill-invoice. Is-servizz beda u bdew isiru l-hlasijiet, izda wasal il-punt fejn is-socjeta’ attrici ma setghetx twassal lis-socjeta’ konvenuta aktar milli waslitha u ghalhekk f’Gunju 2003 kienet is-socjeta’ attrici li waqqfet is-servizz. Huma baghtu l-invoices ghax-xhur ta’ Marzu, April (nofs xahar biss gie ccargjat) u Mejju, cjoe’ elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) plus VAT u ma ccargjawx ghax-xahar ta’ Gunju. Ircevew *part-payment* u b’hekk baqa’ l-bilanc mitlub f’din il-kawza.

Mill-provi jirrizulta pero’ illi ghalkemm is-servizz beda b’mod regolari, wiehed mill-partners tas-socjeta’ attrici cjoe’ Silvio De Bono tah attakk f’qalbu f’Ottubru 2003 u minn dak iz-zmien ‘il quddiem ma baqax jahdem mas-socjeta’ attrici.

Fil-fatt baqa' fuq il-kotba tas-socjeta' attrici sa Dicembru 2003 u mbaghad waqaf ghal kollox.

Jirrizulta wkoll illi l-konsulenza kienet issir kemm minn Donald Schembri kif ukoll mill-istess Silvio De Bono izda naturalment minn Ottubru 2003 'il quddiem bdiet issir minn Donald Schembri wahdu.

Mill-provi prodotti ma jirrizulta assolutament bl-ebda mod illi f'xi hin is-socjeta' konvenuta tterminat is-servizz moghti mis-socjeta' attrici. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi bdil mill-ftehim inizjali. Anzi, mid-dokumenti prodotti jidher illi almenu sat-18 ta' Gunju, 2003 is-socjeta' attrici baqghet tippresta servizzi lis-socjeta' konvenuta tant illi fl-e-mail li jinsab a fol 14 tal-process, is-socjeta' attrici tat il-*costings* dwar fiera li l-Iceberg Limited kienu bi hsiebhom imorru f'Settembru w Ottubru 2003.

Illi ghalhekk il-pretenzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma nfondati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------